MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru 168/2012

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)

vs

John Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 123061M, akkuzat talli fid-9 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-2:20 ta' wara nofs inhar gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera:

1. kkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni TER112 ghad-detriment ta' Frederick Muscat u jew ta' persuna jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa ta' aktar minn 232.94

Ewro izda mhux aktar minn 2,329.37 Ewro u bix-xorta tal-haga misruqa.
2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
3. kiser il-provvedimenti tal-Arikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fid-9 ta' Awissu 2011 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonstatat li t-tieni akkuza hija in alternattiva ghall-ewwel u kwindi mhux ser tiehu konjizzjoni taghha.

Ghalhekk fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni li hija pruvata bis-sentenza esebita a fol 22.

Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap 446, tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 terga tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal tlett snin mill-lum. Rat l-Artikolu 24 tal-Kap 446 u tikkundanna u tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' 400 Ewro lid-derubat Frederick Muscat mhux oltre sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------